TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Conrad u Bernice Montebello

Vs

FS Developments Co. Ltd

CCT 19/20/MM

Illum, 27 ta' Ġunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fid-29 ta' Jannar 2020 fejn talbu is-somma ta'erbat elef, sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€ 4,675.00), rappreżentanti xogħol ta' tikhil maghmul mis-socjeta' intimata li allegatament kien qieghed jinqala'.

Illi s-socjeta' intimata pprezentat ir-risposta taghha fejn eccepiet illi hi kienet wettqet ix-xoghol skont is-sena' u l-arti, b'materjal idoneju; illi r-rikorrenti kienet wettqu diversi interventi fil-hitan, illi r-rikorrenti ma kienux imxew b'mod korrett mal-intimata billi approprjaw ruhhom minn xi servizzi moghtija lill-appartamenti ohra, illi fi kwalsiasi kaz, it-talba tar-rikorrenti hija esagerata.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi l-attrici Bernice Montebello xehdet dwar il-kisi li kien qieghed jinqala' u ghamlet it-talba ta' Euro 4,675 fejn allegatament tghid li din kienet is-somma mehtiega sabiex tkopri l-ispiza tal-qlugh tal-kisi ezistenti u jsir kisi gdid.

Min-naha l-ohra Itiana Abela ghas-socjeta' intimata tghid li huma kienu xtraw il-blokka in kwistjoni xi sena qabel. Din kienet inxtrat gebel u saqaf, bil-kisi ta' barra fejn ir-rikorrenti diga' kienu rrimarkaw li ma kienx ghogobhom ix-xoghol. Hi tinsisti wkoll li qatt ma kien gew infurmati li r-rikorrenti riedu jghaddu t-trinek qabel il-kisi.

Illi bhala prova tal-ftehim bejn il-partijiet gew esebiti diversi kuntratti fejn hemm indikat li l-penthouse kienet inxtrat mir-rikorrenti: '*Shell form, except for the aluminium apertures, the main door to the common parts and the external plastering.*'

Ikkunsidra

Illi dan huwa kaz klassiku ta' allegat xoghol ta' appalt li ma sarx skont is-sena' u l-arti. Ghal dan il-ghan biex tigi ezaminata din il-materja teknika tqabbad il-Perit Richard Aquilina li hejja rapport tekniku datat 21 ta' April 2021.

Illi fid-dawl ta' verzjonijiet konfliggenti ghall-ahhar, l-uniku rimedju li ghandu t-Tribunal sabiex jasal ghall-konkluzjoni huwa li jistrieh fuq l-espert mahtur minnu.

It-Tribunal jinnota li minkejja xi dubji li tqajjmu dwar ir-rapport tal-Perit Aquilina li dan it-Tribunal jaghmilha cara li ma jhossx li huma rilevanti, bl-istess mod jinnota wkoll li r-rapport ma giex kontestat b'mod formali bil-mezz tal-kontro-ezami ta' l-istess Perit u wisq inqas saret talba ghall-hatra ta' Periti addizzjoni.

Illi dan it-Tribunal ma jirrizultalux li ghandha xi raguni ghaliex m'ghandu jakkolji l-istess konkluzjonijiet tal-espert fuq riferit, u konsegwentement jiddikjara li qed jistrieh fuqhom u ghalhekk jer jaghddi biex jiddecidi parzjalment favur ir-rikorrenti.

**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

## DECIDE

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qiegħed jaqta' jiddeciedi billi jordna lill-intimata thallas is-somma ta' Euro 3,000 lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra s-socjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA. TELEPHONE: (+356) 21227070